



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2014
COM(2014) 460 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-Applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju
2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea
ta' Riċerka (ERIC)**

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka¹ (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "ir-Regolament ERIC") ġie adottat sabiex jiffaċilita l-istabbiliment u l-operat ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka kbar fost diversi Stati Membri u pajjiżi assoċjati billi jipprovdi strument legali ġdid, il-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC).

Ir-Regolament ERIC indirizza waħda mid-diffikultajiet kbar identifikati fir-rigward tal-istabbiliment ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka ġodda, minbarra l-iskarsezza ta' riżorsi u l-kumplessità ta' kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi, jiġifieri n-nuqqas ta' qafas ġuridiku adegwat miftiehem mill-pajjiżi kollha li jippermetti l-ħolqien ta' sħubija xierqa mas-sħab minn pajjiżi differenti.

Ir-Regolament ERIC sar ukoll biex jiffaċilita l-istabbiliment iktar malajr ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka billi jnaqqas il-ħin fl-evitar ta' ripetizzjoni ta' negozjati, proġett wara proġett, biex tiġi analizzata u diskussa l-aħjar forma legali għal organizzazzjonijiet internazzjonali tar-riċerka bħal dawn, bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi relatati u l-ħin iffrankat fl-evitar ta' diskussjonijiet f'kull parlament nazzjonali marbut mal-approvazzjoni ta' ftehim internazzjonali meħtieġ fil-każ li ma kienx jeżisti l-qafas stabbilit skont ir-Regolament ERIC.

Ir-Regolament ERIC huwa risposta għall-ambizzjoni politika Ewropea tal-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi attwali (eż l-internazzjonalizzazzjoni tar-riċerka; il-kisba tal-massa kritika; l-iżvilupp tal-faċilitajiet distribwiti; l-iżvilupp tal-mudelli ta' referenza). Sar ukoll biex jikkontribwixxi għal bini ta' identità tal-UE madwar faċilitajiet xjentifiċi ewlenin li jwasslu għal żieda fl-immaġni pożittiva tal-Unjoni Ewropea fil-livell internazzjonali billi jipprovdi lill-kontrapartijiet internazzjonali b'entità ġuridika unika li jistgħu jsiru membri tagħha jew li magħha jistgħu jiġu maqbula l-kooperazzjoni u l-išhubiji possibbli.

Ir-Regolament ERIC ġie emendat f'Diċembru 2013² biex jippermetti riflessjoni aħjar tal-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati f'ERIC billi poġġa dawk il-pajjiżi flivell iktar ekwivalenti mal-Istati Membri fil-korpi governattivi tal-ERIC f'termini tad-drittijiet tal-vot fid-dawl tal-ospitar possibbli tal-ERICs f'pajjiżi assoċjati li għandha twassal għal parteċipazzjoni miżjuda tal-pajjiżi assoċjati fl-ERICs. Dawn it-talbiet saru wkoll fl-isfond tal-ospitar possibbli min-Norveġja ta' tliet ERICs li huma inklużi fil-Pjan Direzzjonali ta' ESFRI tal-2010³.

Dan ir-rapport tfassal mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19 tar-Regolament ERIC li fih previst li l-Kummissjoni se tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni u l-proposti tagħha għal emendi fejn jixraq, sa mhux iktar tard mis-27 ta' Lulju 2014.

¹ ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1.

² ĠU L 326, 6.12.2013, p. 1.

³ Dawn huma: il-Konsorzju tal-Arikivji Ewropej tad-Dejta tax-Xjenza Soċjali (CESSDA - Consortium of European Social Science Data Archives), is-Sistema Svalbard tal-Osservazzjoni Dinjija Integrata tal-Artiku (SIOS - Svalbard Integrated Arctic Earth Observation System) u l-Infrastruttura Ewropea tal-Laboratorju tal-Qabda u l-Ħażna tad-Dijossidu tal-Karbonju (ECCSEL - European Carbon Dioxide Capture and Storage Laboratory Infrastructure).

2. KARATTERISTIĊI LEGALI TA' ERIC

Ir-Regolament ERIC fih previst qafas ġuridiku komuni bbażat fuq l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jikkumplementa l-iskemi nazzjonali u intergovernattivi legali u regolatorji għall-istabbiliment tal-Infrastrutturi tar-Riċerka tranżnazzjonali. Dan jirrapreżenta wieħed mill-istrumenti legali li ġew adottati s'issa biex jappoġġaw iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Skont ir-Regolament ERIC, ERIC huwa entità ġuridika b'personalità ġuridika u kapaċità ġuridika sħiħa rikonoxxuta mill-Istati Membri kollha. Jirrikjedi s-sħubija ta' mill-inqas tliet stati: Stat Membru wieħed u żewġ pajjiżi oħra li huma Stati Membri jew pajjiżi assoċjati. Il-membri tiegħu jistgħu jkunu Stati Membri, pajjiżi assoċjati, pajjiżi terzi appartati minn pajjiżi assoċjati u organizzazzjonijiet intergovernattivi. Dawn jikkontribwixxu b'mod konġunt għall-kisba tal-oġġettivi ta' ERIC, primarjament fl-istabbiliment u l-operat ta' infrastruttura tar-riċerka ta' importanza Ewropea. L-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati, il-pajjiżi terzi appartati minn pajjiżi assoċjati u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi jistgħu jkunu wkoll osservaturi mingħajr drittijiet tal-vot.

L-istruttura interna ta' ERIC hija flessibbli, u tippermetti lill-membri jiddefinixxu, fl-Istatuti, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-korpi u l-kompetenzi tagħhom u arranġamenti interni oħrajn. Ir-Regolament ERIC jipprovdi għall-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati biex ikollhom il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot fl-assemblea tal-membri b'mod konġunt, għalkemm il-proposti għall-emendi tal-Istatuti ta' ERIC ospitati minn Stat Membru jirrikjedu l-qbil ta' maġġoranza tal-Istati Membri li huma membri. Ir-responsabbiltà tal-membri għad-djun ta' ERIC tista' tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom; il-flessibbiltà madankollu se tkun permessa fl-istatuti biex jimmodifikaw tali arranġamenti. Il-liġi applikabbli hija l-liġi tal-Unjoni, il-liġi tal-Istat tas-sede statutorja jew tal-Istat tal-operat fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet amministrattivi, tas-sikurezza u tekniċi. L-Istatuti u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom iridu jkunu konformi ma' tali liġi applikabbli.

ERIC huwa kkunsidrat korp jew organizzazzjoni internazzjonali fit-tifsira tad-direttivi dwar it-taxxa tal-valur miżjud u d-dazji tas-sisa, iżda biex jiġi eżentat mill-VAT u d-dazji tas-sisa jrid jkun rikonoxxut bħala tali mill-Istat Membru ospitanti tiegħu. ERIC li huwa rikonoxxut ukoll bħala organizzazzjoni internazzjonali skont it-tifsira tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, jista' jiġi eżentat mill-proċeduri tal-akkwist u jista' minflok jadotta r-regoli tal-akkwist tiegħu.

ERIC huwa stabbilit permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġixxi abbażi tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija mill-Kunsill. Il-Kummissjoni taġixxi fuq applikazzjoni sottomessa minn dawk l-Istati Membri, pajjiżi u organizzazzjonijiet intergovernattivi li jixtiequ jsiru membri fundaturi tal-ERIC. Il-proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi valutazzjoni minn esperti indipendenti, b'mod partikolari fil-qasam tal-attivitajiet intenzjonati tal-ERIC. Il-Kummissjoni tqies ukoll l-opinjoni tal-kumitat previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament ERIC (il-Kumitat ERIC) li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati.

3. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT ERIC

Mill-adozzjoni tar-Regolament ERIC ġew stabbiliti seba' ERICs. F'Marzu tal-2011 ġie stabbilit SHARE-ERIC (Sħarriġ tas-Saħħa, it-Tixjiħ u l-Irtirar fl-Ewropa)⁴ li l-

⁴ ĠU L 71, 18.3.2011, p. 20.

ewwel kien ospitat mill-Pajjiżi l-Baxxi u mill-2014 mill-Ġermanja, fejn l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Iżrael, l-Italja, is-Slovenja u l-Pajjiżi l-Baxxi huma membri u l-Isvizzera hija osservatur. Fi Frar tal-2012 ġie stabbilit CLARIN ERIC (Infrastruttura Komuni tar-Riżorsi u t-Teknoloġija Lingwistiċi)⁵ ospitat mill-Pajjiżi l-Baxxi, fejn ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja u l-Unjoni tal-Lingwa Olandiża huma membri. F'Novembru tal-2013 ġew stabbiliti erba' ERICs; EATRIS ERIC (Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka tat-Trazlazzjonali Avvanzata fil-Mediċina)⁶ ospitat mill-Pajjiżi l-Baxxi, fejn ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Italja u l-Finlandja huma membri u Franza u Spanja huma osservaturi; ESS ERIC (Sħarriġ Soċjali Ewropew)⁷ ospitat mir-Renju Unit, fejn il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Isveġja huma membri u n-Norveġja u l-Isvizzera huma osservaturi; BBMRI-ERIC (Infrastruttura tar-Riċerka tal-Biobanking u tar-Riżorsi Biomolekulari)⁸ ospitat mill-Awstrija, fejn il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja u l-Isveġja huma membri u n-Norveġja, il-Polonja, l-Isvizzera u t-Turkija huma osservaturi; ECRIN-ERIC (Netwerk Ewropew tal-Infrastruttura tar-Riċerka Klinika)⁹ ospitat minn Franza, fejn il-Ġermanja, Spanja, l-Italja u l-Portugall huma membri.

Finalment f'Mejju tal-2014 ġie stabbilit Euro-Argo ERIC¹⁰ ospitat minn Franza, fejn il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja u r-Renju Unit huma membri u l-Polonja u n-Norveġja huma osservaturi.

Is-seba' ERICs kollha msemmija hawn fuq ġew inklużi fil-Pjanijiet Direzzjonali miftiehma mill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI). Żewġ ERICs (SHARE-ERIC u ESS ERIC) ġew stabbiliti bil-għan tat-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istħarriġ Ewropew. Il-ħames ERICs l-oħrajn ġew stabbiliti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi distribwiti fil-qasam tax-xjenzi bijoloġiċi u mediċi, tax-xjenzi ambjentali u tax-xjenzi soċjali u l-umanitajiet.

L-istruttura legali ta' ERIC tintuża biex tistabbilixxi u topera tipi differenti ta' infrastrutturi li huma fsit wieħed jew distribwiti. L-infrastrutturi distribwiti jistgħu jvarjaw bejn infrastrutturi li jkollhom faċilitajiet li jinsabu fsiti differenti, operati minn entità ġuridika waħda, u infrastrutturi stabbiliti bħala ċentru ċentrali li jikkoordina l-operat tal-faċilitajiet distribwiti li jistgħu jżommu l-personalità ġuridika tagħhom.

Ir-Regolament ERIC huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri u ma jirrikjedi l-ebda traspożizzjoni. Madankollu, kien neċessarju li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri u l-proċeduri xierqa biex ikunu jistgħu jospitaw jew biex isiru membri ta' ERIC. L-istabbiliment ta' ERIC skont ir-Regolament ERIC jirrikjedi, fost l-oħrajn, dikjarazzjoni mill-Istat Membru ospitanti li jirrikonoxxi l-ERIC bħala korp internazzjonali fit-tifsira tad-Direttiva tal-VAT u bħala organizzazzjoni internazzjonali fit-tifsira tad-Direttiva 2008/118/KE, sabiex ikunu japplikaw l-eżenzjonijiet tal-VAT u/jew tad-dazju tas-sisa. Għal ħafna mill-Istati Membri dan ħa bosta snin bl-eċċezzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi li fl-2010 diġà kellhom fis-seħħ il-

⁵ ĠU L 64, 3.3.2012, p. 13.

⁶ ĠU L 298, 8.11.2013, p. 38.

⁷ ĠU L 320, 30.11.2013, p. 44.

⁸ ĠU L 320, 30.11.2013, p. 63.

⁹ ĠU L 324, 5.12.2013, p. 8.

¹⁰ ĠU L 136, 9.06.2014, p. 35.

proċeduri interni biex setgħu jospitaw ERIC. Ir-raġuni għal dan kien il-fatt li l-istruttura legali l-ġdida kellha tiġi assimilata fis-sistemi regolatorji u amministrattivi nazzjonali u li kellhom jiġu indirizzati ħafna mistoqsijiet prattiċi kif ukoll l-Istati Membri involuti qabel ma l-ERICs setgħu jiġu stabbiliti u jsiru operattivi skont is-sistemi regolatorji u amministrattivi nazzjonali.

Fir-rigward tal-pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi li għalihom ir-Regolament ERIC mhuwiex direttament applikabbli, dawn jridu jissottomettu dikjarazzjoni vinkolanti li tirrikonoxxi l-personalità ġuridika u l-privileġġi ta' ERIC biex ikunu jistgħu jospitaw (fil-każ ta' pajjiżi assoċjati) jew biex isiru membru ta' ERIC speċifiku.

Ħames snin wara l-adozzjoni tar-Regolament ERIC ħafna mill-Istati Membri u xi pajjiżi assoċjati ħadu miżuri li huma neċessarji biex wieħed ikun jista' jospita jew isir membru ta' ERIC. Dan l-iżvilupp pożittiv jista' jintwera wkoll mill-fatt li bejn 20 u 48 proġett inklużi fil-Pjan Direzzjonali ta' ESFRI tal-2010 qed jużaw jew qed jippjanaw li jużaw l-ERIC għall-istabbiliment tal-infrastruttura tar-riċerka. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet għal ERIC għall-istabbiliment ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka li mhumiex inklużi fil-Pjan Direzzjonali ta' ESFRI: il-Konsorzju tal-Ewropa Ċentrali għall-Infrastruttura tar-Riċerka (CERIC-ERIC) li se jiġi ospitat mill-Italja u l-Istitut Konġunt għal Interferometrija B'Linja Bażi Twila Ħafna (JIV-ERIC) li se jiġi ospitat mill-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-miżuri amministrattivi u proċedurali meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, l-informazzjoni skambjata fil-laqgħat regolari tal-Kumitat ERIC u l-kjarifikazzjonijiet previsti mid-diversi servizzi tal-Kummissjoni għal mistoqsijiet mressqa mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati kellhom rwol importanti fil-kontribut għall-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tar-Regolament ERIC.

Il-Kummissjoni tistenna li sal-aħħar tal-2015 ikunu ġew stabbiliti madwar 15-il ERIC.

4. SFIDI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT ERIC

Ir-Regolament ERIC ġie adottat u qed jiġi implimentat fi żmien meta l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati qed jieħdu miżuri baġitarji restrittivi sabiex inaqqsu d-defiċit pubbliku. Il-ġbir flimkien tar-riżorsi fuq bażi ta' perjodu ta' żmien twil għall-istabbiliment u l-operat ta' infrastruttura tar-Riċerka panEwropea proprja hija għalhekk sfida kbira u ssir iktar ikkumplikata minħabba l-oqfsa taż-żmien differenti għall-proċeduri tad-deċiżjoni baġitarja tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati individwali involuti. Dan iwassal għal żmien ta' preparazzjoni pjuttost twil għall-kisba tal-baży minima tal-iffinanzjar għall-istabbiliment tal-Infrastrutturi tar-Riċerka. Din il-kwistjoni mhix speċifika għall-istrument ERIC iżda hija marbuta mal-infrastrutturi Ewropej kollha tar-riċerka. Sinkronizzazzjoni aħjar, iktar trasparenza u allinjament bejn l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-pajjiżi terzi involuti fil-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka lkoll se jgħinu ħafna biex jitħaffef il-proċess ta' implimentazzjoni.

Il-kundizzjoni li l-Istati u l-Organizzazzjonijiet Intergovernattivi biss jistgħu japplikaw għall-istabbiliment ta' ERIC iżżid il-komplessità għall-komunitajiet xjentifiċi li qed jippreparaw għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka bħall-Ministeri jew Aġenziji tal-iffinanzjar bil-mandat tal-Ministeri li normalment ma jkunux involuti mill-bidu nett fil-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet

ERIC. Din tqajjem ukoll diskussjonijiet bejn is-sħab prospettivi ta' ERIC pereżempju dwar ir-relazzjoni bejn il-kontribuzzjonijiet u d-drittijiet tal-vot li ma humiex indirizzati fl-istess mod mill-komunitajiet xjentifiċi involuti. L-involvement tar-rappreżentanti tal-ministeri u tal-aġenziji ta' finanzjament mill-bidu nett tal-preparazzjoni għall-istabbilment tal-Infrastrutturi Ewropej tar-Riċerka jista' jgħin biex jiġi evitat dewmien mhux meħtieġ fl-istadji iktar tard tal-fażi tal-preparazzjoni meta jkunu jridu jiġu assigurati s-siti, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-impenji tas-sħab qabel ma tkun tista' ssir applikazzjoni formali tal-ERIC.

Barra minn hekk, il-karattru trasversali ta' ħafna infrastrutturi Ewropej tar-riċerka f'diversi każijiet iwassal għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet iktar kumpless bejn is-sħab ta' dawn l-infrastrutturi għaliex iridu jkunu jiġu involuti diversi ministeri u aġenziji ta' finanzjament bħal pereżempju fl-oqsma ta' kwistjonijiet dwar is-Saħħa, ir-Riċerka, il-Baħar, l-Ambjent u l-Enerġija.

Id-dispożizzjonijiet marbuta mal-VAT u d-dazji tas-sisa u mal-Akkwist kif stipulati fir-Regolament ERIC fisseru li fl-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-pajjiżi terzi involuti, diversi ministeri inkluż tal-finanzi u l-affarijiet barranin kellhom jiġu inklużi fil-preparazzjoni u l-approvazzjoni tal-applikazzjonijiet ERIC li żiedu iżjed il-kumplessità u li kienu jeħtieġu l-istabbilment ta' proċeduri interni xierqa għall-iffaċilitar tal-proċess tal-approvazzjoni. Jidher mill-esperjenza miksuba bl-istabbilment ta' seba' ERICs li iktar Stati Membri u pajjiżi assoċjati qed isiru konxji ta' din il-kumplessità u adottaw proċeduri interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex jorganizzaw u jħaffu l-proċess intern tal-approvazzjoni.

Finalment, l-ERICs se jkunu eliġibbli għall-ewwel darba biex jissottomettu u jipparteċipaw fil-proposti għal sejħiet tal-Orizzont 2020. Saru referenzi wkoll, fil-Programm ta' Ħidma tal-Infrastruttura tar-Riċerka, għall-possibbiltà ta' appoġġ għar-riċerki tal-infrastruttura tal-ERICs u tal-ESFRI. Il-Kummissjoni tistenna li jkollha rwol importanti fil-ġestjoni tad-dejta u fir-raggruppamenti li jikkonċernaw xi oqsma tematiċi bħar-riċerka fis-saħħa u l-ambjent.

5. RWOL TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

Is-servizzi tal-Kummissjoni ffaċilitaw il-proċess tal-implimentazzjoni tar-Regolament ERIC billi organizzaw u ppresedew il-laqgħat tal-Kumitat ERIC li jseħħu tlieta jew erba' darbiet fis-sena. Apparti milli jagħtu opinjoni dwar l-applikazzjonijiet formali ta' ERIC f'konformità mar-Regolament ERIC, dawn il-laqgħat iservu biex ifornu u jiskambjaw informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet ERIC li jkunu għaddejnin u dwar il-miżuri interni li l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati jkunu daħħlu fis-seħħ fir-rigward tat-teħid ta' deċiżjoni għal sħubija f'ERIC. Barra minn hekk, jingħataw preżentazzjonijiet minn rappreżentanti ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka futuri li waslu biex jibdew jippreparaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal ERIC sabiex l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati jkunu informati dwar l-iskedar taż-żmien, il-livell ta' ffinanzjar mistenni, is-servizzi u attivitajiet oħrajn li għandhom jiġu żviluppati u l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni fil-preparazzjoni u l-applikazzjoni tal-ERIC.

Il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida prattiċi fl-2010 li jagħtu informazzjoni Prattika għall-applikanti potenzjali dwar kif jissottomettu applikazzjoni għal ERIC u kummentarji dwar l-artikoli tar-Regolament ERIC li jiffokaw fuq l-aspetti legali. Fl-2014 se tiġi ppubblikata verżjoni aġġornata ta' dawn il-linji gwida li jqisu l-esperjenza miksuba s'issa.

Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew kjarifikazzjonijiet għal firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ERIC imressqa mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u r-rappreżentanti tal-infrastrutturi tar-riċerka li kienu qed jippreparaw applikazzjoni għal ERIC. Dawk kienu jikkonċernaw, fost l-oħrajn il-karattru legali tal-ERIC, jekk l-ERIC jistgħax ikollu r-riċerka nukleari bħala mira prinċipali, ir-responsabbiltà tal-membri, il-liġi applikabbli b'mod partikolari għal infrastrutturi distribwiti b'nodi u persunal f'diversi pajjiżi, il-likwidazzjoni ta' ERIC u r-rwol tal-qorti nazzjonali.

Fl-2013 is-servizzi tal-Kummissjoni fornew it-templates neċessarji għad-dikjarazzjoni ta' rikonnoxximent ta' ERIC minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet intergovernattivi li kkjarifikaw u ssimplifikaw il-proċess għal dawk il-pajjiżi biex jospitaw jew isiru membri ta' ERIC.

Fl-2013 ukoll, is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew dokument ta' ħidma li fih templates għad-dispożizzjonijiet ta' ERIC ibbażati fuq l-esperjenza miksuba fil-proċess tal-applikazzjoni tal-ewwel ERICs sabiex jiffaċilitaw l-abbozzar tad-dispożizzjonijiet mill-applikanti u l-kisba ta' sett ta' dispożizzjonijiet iktar koerenti għall-ERICs mingħajr preġudizzju għall-flessibbiltà u l-adattament neċessarji biex jirriflettu l-karattru varjat tad-diversi ERICs f'termini ta' struttura (f'sit wieħed, f'siti distribwiti, virtwali) u f'termini tal-oqsma tar-riċerka (ix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet, ix-xjenzi ambjentali, l-enerġija, ix-xjenzi bijoloġiċi u mediċi, il-faċilitajiet analitiċi u ta' materjali, ix-xjenzi fiżiċi u l-ingerinija).

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom rwol attiv matul il-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet ERIC billi pparteċipaw fil-laqgħat tal-bord u fil-laqgħat preparatorji oħrajn tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati fejn ikkjarifikaw u identifkaw soluzzjonijiet u kompromessi possibbli għal punti li tqajmu matul id-diskussjonijiet bejn l-imsieħba futuri.

Wara l-istabbilment ta' ERIC, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom rwol limitat fl-attivitajiet tal-ERIC li huma amministrati u mmexxija mill-membri tal-ERIC fil-limiti tal-kundizzjonijiet restrittivi tar-Regolament ERIC, l-Istatuti u r-Regoli ta' Implimentazzjoni adottati għall-ERIC. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jaġixxu biss jekk ikunu informati jew mitluba mill-membri dwar kwistjonijiet li tqajmu u abbażi tar-rapportar annwali mill-ERIC lill-Kummissjoni li huwa previst fir-Regolament ERIC.

B'riżultat tal-istabbilment tas-seba' ERICs li għandhom sede statutorja f'ħames Stati Membri differenti u sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp imsaħħaħ tal-ERIC, il-Kummissjoni qed torganizza laqgħat tan-netwerk tal-ERIC fejn l-ERICs eżistenti jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki u jqajmu kwistjonijiet komuni. Rappreżentanti tal-Kumitat ERIC u tal-ERICs prospettivi li huma fil-proċess finali tal-applikazzjoni tal-ERIC huma mistiedna jattendu dawn il-laqgħat. F'Ġunju tal-2014 saret l-ewwel laqgħa tan-netwerk tal-ERIC.

6. KONKLUŻJONIJIET

Permezz tal-istabbilment b'suċċess ta' seba' ERICs sa Mejju 2014 u l-perspettiva li jkun hemm madwar 15-il ERIC fis-seħħ sal-aħħar tal-2015, jista' jiġi konkluż li l-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku, jiġifieri l-għadd ta' infrastrutturi Ewropej ġodda jew aġġornati li jużaw l-ERIC qabad ritmu mgħaġġel u għamel suċċess. Ir-Regolament ERIC ta prova li fil-fatt issodisfa l-lakuna bejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali tradizzjonali bbażati fuq trattati u l-entitajiet ġuridiċi nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-

istabbilment ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej. Dan jista' jintwera wkoll mill-utilizzazzjoni tal-ERIC li hija prevista għal madwargħoxrin proġett inklużi fil-Pjan Direzzjonali tal-ESFRI għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka.

L-ERIC, minħabba l-ħafna aspetti komuni fid-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-adeżjoni, it-teħid ta' deċizzjonijiet u t-trattament ta' mistoqsijiet bħar-responsabbiltà, iffaċilita ħafna l-opportunitajiet għal Stati Membri, pajjiżi assoċjati u pajjiżi terzi biex jikkunsidraw kooperazzjoni jew li jingħaqdu ma' dawn l-Infrastrutturi Ewropej tar-Riċerka. Is-servizzi tal-Kummissjoni ffaċilitaw il-proċess tal-implimentazzjoni tar-Regolament ERIC billi organizzaw u ppresedew il-laqgħat li jkun hemm tal-Kumitat ERIC.

Il-proċedura għall-applikazzjoni għal ERIC u l-faċilita tal-użu għad trid tiġi ottimizzata hekk kif l-Istati Membri, il-komunità xjentifika u s-servizzi tal-Kummissjoni jesperjenzaw perjodu ta' taġlim biex jifmhu aħjar l-implikazzjonijiet prattiċi tal-użu ta' dan l-istrument legali ġdid. Jista' jkun mistenni li, jekk fis-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, jittieħdu miżuri xierqa, l-iffaċilitar tal-użu se jiġiebwew sew minħabba l-esperjenza miksuba u għaliex il-proċess jista' jiġi ssimplifikat iktar u jitħaffef il-ħolqien ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka. Għalhekk, il-Kummissjoni mhi qed tipproponi l-ebda rakkomandazzjoni għal emendi f'dan l-istadju.

7. KWISTJONIJIET PENDENTI U L-PASSI LI JMISS

Bir-riżultat tal-esperjenza miksuba fil-proċessi tal-applikazzjoni għall-ħolqien ta' ERIC diversi suġġetti ġodda jridu jiġu indirizzati mill-membri tal-ERICs u mis-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn huma marbuta mal-prattiki f'diversi Stati Membri pereżempju dwar kif wieħed jirreġistra ERIC skont is-sistema legali nazzjonali permezz tal-Kamra tal-Kummerċ. Jew reġistri oħrajn li jkunu qed jgħinu ERIC biex jiftaħ kontijiet tal-bank u biex japplika għal rimborż tal-VAT u tad-dazji tas-sisa. B'mod simili, minħabba l-fatt li ERIC huwa sħubija pubblika-pubblika, f'ħafna każijiet jeħtieġ li jiġi kkjarifikat l-istatus tal-persunal li jimpjega għaliex dan se jkollu impatt fuq l-iskali tas-salarji, il-kwistjonijiet dwar it-taxxa tad-dħul u l-ispejjeż tal-persunal.

Hemm ukoll mistoqsijiet li jridu jiġu kkjarifikati fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *in natura* lill-ERIC mill-membri tiegħu, b'mod partikolari dwar jekk dawn il-kontribuzzjonijiet jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni tal-VAT u d-dazju tas-sisa u, jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet. Dan huwa rilevanti għaliex f'ħafna każijiet il-membri ta' ERIC jippreferu jikkontribwixxu parzjalment *in natura* lil ERIC minflok ma jipprovdu kontribuzzjonijiet ta' flus.

Il-mistoqsija dwar attivitajiet ekonomiċi kontra dawk mhux ekonomiċi għandha tiġi kkjarifikata iktar mis-servizzi tal-Kummissjoni għax hemm domandi dejjem jiżdiedu għal impatti "innovattivi" u "soċjo-ekonomiċi" tal-attivitajiet tal-infrastruttura tar-riċerka li jiġġustifikaw l-investimenti li jridu jsiru mill-membri. Din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata wkoll fil-kuntest tal-"ispeċjalizzazzjoni intelliġenti" fir-rigward tal-possibbiltà ta' appoġġ minn fondi reġjonali u mill-ġhajna mill-Istat (għall-kostruzzjoni ta' partijiet tal-faċilitajiet ta' ERIC). Tinkludi temi oħrajn bħal kif l-ERICs jistgħu jiżviluppaw spin-offs, trasferimenti teknoloġiċi u jirċievu introjtu minn servizzi li huma żviluppaw filwaqt li jkunu konformi mar-rekwiżit li jkollhom attivitajiet ekonomiċi limitati biss u mingħajr ma jipperikolaw l-istatus tagħhom ta' ERIC.

L-ERICs għandhom rwol importanti fid-diframmentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi joħolqu servizzi b'mod armonizzat u strutturali għall-komunitajiet xjentifiċi fl-Unjoni kollha minħabba t-trasparenza li qed tiġi introdotta fir-rigward tal-ġbir tad-dejta, l-aċċess għad-dejta u l-istrumenti u ż-żamma tad-dejta u s-servizzi għall-utenti. Dan mhux biss biex jappoġġa l-komunitajiet xjentifiċi iżda jista' jwassal ukoll għal politika bbażata fuq l-evidenza f'oqsma bħas-saħħa, l-ambjent u l-politika soċjali u kulturali. Il-Kummissjoni se tesplora mal-Istati Membri modi possibbli kif l-ERICs jistgħu jappoġġaw infrastrutturi tar-riċerka oħrajn billi jipprovdu servizzi bħal dawn.

Għalkemm hemm 20 Stat Membru involuti fl-istabbilment tal-ERICs s'issa, is-sede statutorja tal-ERICs hija konċentrata fi ftit Stati Membri. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati għandhom jagħtu attenzjoni xierqa meta jippreparaw għall-implimentazzjoni ta' infrastrutturi Ewropej tar-riċerka ġodda biex jagħmlu sforz sabiex jiksbu rappreżentanza iktar bilanċjata madwar l-Unjoni Ewropea fuq perjodu ta' żmien aktar fit-tul.

L-ERICs jista' jkollhom rwol importanti għall-kooperazzjoni internazzjonali, eż. mal-Unjoni Afrikana, l-Awstralja, ir-Russja, l-USA, il-Kanada u mal-kollaborazzjonijiet xprunati min-NU. F'dak il-kuntest ta' min wieħed jinnota li ERIC huwa fil-fatt ikkunsidrat fil-qafas tal-Forum Globali tax-Xjenza (GSF) tal-OECD bħala mudell possibbli għall-istabbilment ta' infrastrutturi internazzjonali distribwiti tar-riċerka. B'mod partikolari, il-kwistjoni tal-amministrazzjoni, il-personalità ġuridika u r-risoluzzjoni tat-tilwim jkunu jridu jiġu indirizzati għal tali infrastrutturi. Il-Kummissjoni fejn jixraq se tappoġġa l-isforzi fil-kuntest tal-GSF jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra, biex tkompli tesplora l-possibbiltajiet li jinftehem qafas regolatorju għall-infrastrutturi internazzjonali tar-riċerka li jista', bħal ma għamel l-ERIC fl-Unjoni Ewropea, jimla l-lakuna bejn l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq trattati u l-organizzazzjonijiet nazzjonali.

Finalment, kif ġie nnotat qabel, ir-Regolament ERIC ġie emendat fl-2013, biex jakkomoda talbiet minn pajjiżi assoċjati u b'mod partikolari n-Norveġja sabiex jippermetti r-rikonoxximent sħiħ tal-kontribuzzjonijiet tagħhom f'ERIC, f'termini tad-drittijiet tal-vot. Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ mill-qrib biex tara jekk l-emenda hix se tirriżulta f'parteċipazzjoni ikbar tal-pajjiżi assoċjati bħala pajjiżi ospitanti jew bħala membri tal-ERICs.